# IL-HAMES PARTI
# APPELLI KRIMINALI
## (Sede Inferjuri)

**10 ta' Jannar, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Vella

## Il-Prinċipju tar-"*Res Judicata*"

*L-eċċezzjoni tar-" Res Judicata" mhiex ibbażata fuq li l-fatti huma identiċi f'żewġ proċeduri separati u distinti, imma fuq jekk l-akkużat instabx ħati jew ġie liberat minn akkuża jew akkużi li jerġgħu jiġu imputati lilu.*

Il-Qorti: -

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-11 ta' Ottubru, 1984 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-inappellabilità u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ ta' l-appell;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 1984 minn fejn jirriżulta li issa tqajmet quddiem din il-Qorti preġudizzjali oħra u ċjoè tistax tinvesti l-kwistjoni jekk l-imputat kienx jew ma kienx jimpjega lill-persuni imsemmija fiċ-ċitazzjoni *una volta*

diġà ġie deċiż f'kawża oħra li ma kienx jimpjegahom;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament jirriżulta illi l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex akkużat talli naqas li jgħarraf lid-Direttur tax-xogħol li mpjega miegħu lil Tarcisio Azzopardi, Michael Buttigieg, Anthony Azzopardi u John Spiteri u dik il-Qorti b'sentenza tat-2 ta' Mejju, 1984 illiberatu minn dik l-imputazzjoni. L-Avukat Ġenerali kien appella minn dik is-sentenza u l-imputat kien eċċepixxa għal dak l-appell l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità, liema eċċezzjoni din il-Qorti kif presjeduta laqgħet b'sentenza tagħha tal-11 ta' Ottubru, 1984, meta allura l-appell interpost ġie dikjarat irritu u null;

Dan ifisser fil-fehma ta' din il-Qorti illi għalkemm hu veru li dik is-sentenza tal-Qorti t'Għawdex għaddiet u l-imputat ma jista' qatt jiġi akkużat u proċessat bl-istess reat ma jfissirx però li xi fatti li bħal f'dal-każ flimkien ma' oħrajn setgħu ikkostitwew dak ir-reat, ma jistgħux jiġu pruvati f'proċess ieħor li jista' jwassal għal reat ieħor separat u distint minn dak liberat minnu. Ma' dan jiżdied li bħala fatt il-kwistjoni dwar jekk il-persuni msemmija kienux fl-impjieg ta' l-imputat ma ġietx vertita minn din il-Qorti bħala meritu għalhekk il-pożizzjoni legali korretta tidher li hi li din il-Qorti tista' tidħol fil-kwistjoni *purchè* ma tasalx fil-konklużjoni li l-imputat hu ħati ukoll tal-imputazzjoni li illum jinsab kompletament liberat minnha ċjoè sakemm ma tiksirx il-prinċipju tar-*res judicata* u tikkundanna lill-imputat ta' dak ir-reat;

F'dan ir-rigward hu rilevanti ħafna dak li intqal minn Qorti

Kanadiza fil-kawża R vs Logan (1944) IWWR101 u ċjoè illi "*the test of applicability of the pleas of autrefois convict and autrefois acquit is not whether the fact relied on by the Crown are the same in the two trials, but whether accused has been convicted or acquitted of an offence which is the same offence as that with which he is now charged;*"

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-inċident billi tordna l-prosegwiment tal-provi u l-kontinwazzjoni tas-smiegħ ta' l-appell.